**Qorti Kriminali**

**Imhallef**

**Onor. Imhallef Patrick Vella, B.A., LL.D., M. Jur. (EUR) Law.**

**Att ta' Akkuza**
**Nru: 22/2000**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Abdul Naser**
**Salem M. Slhoba**

**Ilum, 15 ta' Frar, 2001.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' Akkuza 22/2000.

Semghet lill-akkuzat Abdul Naser Salem M. Slhoba fis-seduta tal-lum jammetti l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih f'kull wiehed mit-tlett kapi li hemm f'dan l-Att ta' Akkuza, f'liema amissjoni hu baqa' jippersisti anke wara li gie mwissi mill-Qorti skond il-ligi dwar il-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni tieghu w inghata zmien biex jirrikkunsidraha.

Tiddikjara lill-Abdul Naser Salem M. Slhoba hati talli:

***A. Assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni;***

***B. Importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), u cioe', meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett; u***

***C. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina li ghaliha tapplika t-taqsima IV u V ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101), u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija; b'dan li r-reat kien wiehed***

***taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.***

Rat l-atti processwali.

Rat l-Artikoli 9, 10 (1), 12, 14 (1) (5), 15A, 20, 22 (1) (a) (f) (1A) (1B) (2) (a) (i) (ii) (3A) (c) (d), 22 (2) (b) (i), 22 (f), u 26 tal-Kap. 101, r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39), u l-Artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet lill-Avukat Prosekutur u lill-Avukat Difensur tal-hati jitrattaw dwar il-piena.

Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u cioe':

***1. L-ammissjoni volontarja w inkondizzjonata ta' l-akkuzat dikjarat u misjub hati f'dan l-istadju ferm bikri ta' dawn il-proceduri, ezattament fl-ewwel opportunita' tad-dehra tieghu quddiem din il-Qorti u meta ghadu ma giex iffurmat il-guri u b'hekk gew iffrankati hin u spejjes.***

***2. Iz-zmien li l-hati ilu mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.***

***3. Il-fedina penali netta tieghu.***

***4. Il-kollaborazzjoni tieghu mal-pulizija investigattiva.***

***5. L-eta' tal-hati.***

***6. Il-kwantita' tad-droga in kwistjoni li ma kienitx xi wahda sostanzjali, anzi piuttost relattivament zghira, kif wkoll il-kwalita' medjokri taghha.***

***7. Kull cirkostanza ohra li qieset relevanti.***

Tiddeciedi ghalhekk billi tikkundanna lill-Abdul Naser Salem M. Slhoba ghall-sitt (6) snin prigunerija bit-tnaqqis taz-zmien li hu kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, kif ukoll tikkundannah ghall-Multa ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25, 000) konvertibbli f'sitt xhur prigunerija ohra f'kaz li l-multa ma tithallasx skond il-ligi.

Tordna wkoll l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat, kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli tal-hati.

Tikkundanna lill-hati sabiex ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, ihallas lir-Registratur tal-Qorti, fi zmien xahar mil-lum, is-somma ta' Lm266.50 liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes peritali inkorsi f'dawn il-proceduri, u li huma wkoll konvertibbli fi tlieta u hamsin (53) jum ohra ta' prigunerija jekk ma jithallsux kif ntqal.

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga esebita u dan permezz ta' l-Ispizzjar Mario Mifsud li qed jigi nomminat f'dan l-inkarigu, li hu ghandu jesegwixxi fi zmien tlett gimghat, u wara jirredigi Process Verbal u jipprezentah f'dawn l-atti, u b'dan pero' li tali inkarigu jibda jsehh appena jghaddu erba tijiem mil-lum u matulhom l-Avukat Generali ma jkunx ipprezenta nota quddiem din il-Qorti li biha

jitlob li dik id-droga tibqa' prezentata ghaliex tkun mehtiega bhala evidenza f'xi proceduri ohra.

(ft) Joseph Sammut
Dep/ Registratur